**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D**

**AWLA 7**

**Illum 10 ta' Gunju 2002.**

**Pulizija**
**Spettur Bernard Zarb**

**Vs**

**Maria Cassano**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Maria Cassan0 ta' 20 sena, bint Mario u Brenda nee' Knights, imwielda Peterborough, UK, fit-30 ta Gunju 1981 u residenti 'Espadon Court', Flt. 2, Triq il-Port Hieles, Birzebbugia, u detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 484012;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' bejn Jannar 2002 u Frar 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew

skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni tal-firem ta' Joseph Galea ta' Professional Computing Limited fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183, 184 u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Professional Computing Limited illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamlet uzu mil-istess karta msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq bi hsara ta' Professional Computing Limited u diversi persuni ohra, bi ksur tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll, minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu approprijat ruhha, billi dawwret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma ta' liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur ta l-Artiklu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll, talli ikkommettiet serq ta' cekk books mahruga mill-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Professional Computing Limited, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-mezz u dan bi ksur tal-artikoli 263 u 268 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 183, 184, 188, 167, 169, 308, 309, 310, 293, 294, 263 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imsemmija Maria Cassano, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibha hatja ta' kif akkuzata mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti filwaqt li ssibha hatja qeghda tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta. Din il-Qorti qeghda wkoll, a tenur tal-artikolu5 tal-kapitolu 152, tikkundannaha ghall-hlas ta' mija u hamsin lira maltin (lm150) pagabbli fiz-zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

MAGISTRAT.